MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 184/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michele Vella**
**Spiru Vella**
**Karmenu Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli minghajr hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom vjolentement jew abbuzivament u ad insaputa tal-kwerelanti dahlu w okkupaw parti mill-ghalqa mlaqqma tal-Iskapell, kuntrada ta' Sant'Antnin, limiti ta' M'Scala, tal-kapacita' superficjali ta' tomnejn, liema parti tal-istesss ghalqa kienet fil-pussess tal-kwerelanti w fil-pussess ta' hwejjighom liema fatt ghadu jippersisti sal-gurnata tal-lum,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja izda lliberathom taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2).
Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 377(3) tal-Kap. 9, ordnat lill-appellanti sabiex fi zmien xahrejn (2) jottemperaw ruhhom mal-ligi billi jnehhu l-inkonvenjent mill-ghalqa imsemmija fl-akkuza w fin-nuqqas jehlu penali ta’ Euro 4.66 ammenda ekwivalenti ghal LM2 kull wiehed ghal kull gurnata wara li jghaddi l-imsemmi zmien u jkompli tali nuqqas.
Il-Qorti tat lill-appellanti l-isepjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2008, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberahom minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-uniku aggravju tal-appellanti jikkonsisti li fil-kaz in dizanima ma jirrizultawx l-elementi mehtiega ghar-reat ta’ ragion fattasi kif kontemplat fl-Art. 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta ampjament mix-xhieda li taw Maria Concetta Caruana, Manuel Seychell u Jessie Caruana li l-porzjoni diviza tar-raba in kwistjoni tappartjeni bi proprjeta’ lil Maria Concetta Caruana li wirtitha minn ghand in-nanna taghha

kif anki rrizulta mit-testment li gie muri lil din il-Qorti *animo ritirandi*.

Illi Irrizulta wkoll li dan ir-raba kien maqsum f'hames porzjonijiet divizi li minnhom tlieta kienu jinhadmu mill-appellanti w tnejn minn missier Concetta Caruana, Spiru Caruana, meghjun minn Manuel Seychell.  Meta Spiru Caruana dawn l-ahhar snin ma baqax jahdem dawn l-istess hbula kien baqa' jahdimhom Manuel Seychell.  Dan l-ahhar pero' u cioe' minn Dicembru, 2007 'l hawn , dan ir-raba beda jinhadem mill-appellanti w meta Maria Concetta Caruana kellmithom, qalulha li hi hemmhekk ma kellha xejn

Illi mix-xhieda tal-appellant Spiru Vella jirrizulta *ex admissis* li hu w hutu l-appellanti l-ohra, meta raw li r-raba ta' ma genbhom ma kienx qed jinhadem, iddecidew li jibdew jahdmuh huma pero' dan minghajr ma talbu l-permess ta' hadd.

Illi minn dawn ir-rizultanzi jemergu l-elementi kollha tar-reat ta' *ragion fattasi* ghaliex jekk stess ippretendew li kellhom xi dritt fuq din l-ghalqa, dan ma kienx il-mod kif jezercitawh billi jiehdu l-ligi f'idejhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------